MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 122/2006

**Emanuel sive Noel Xerri**

**vs**

**Michael u Rose konjuġi Xerri bħala leġittimi rappresentanti ta’ wliedhom minuri Fiona, xebba, minuri u John Wayne aħwa Xerri, u b’digriet tas-16 ta’ April 2013, Fiona u John Wayne aħwa Xerri jassumu l-atti ta’ din il-kawża stante li saru maġġiorenni.**

**Illum it-Tlieta, 26 ta’ Novembru 2013**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attur, wara li ppremetta :

Illi b'kuntratt li kien ġie ppublikat fit-tnax (12) ta' Ottubru 1997 (atti Nutar Paul George Pisani) hawn anness u markat bħala Dokumet "A", il-ġenituri tal-kontendenti kienu assenjaw, 'inter alia' b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli:

(a) Lir-rikorrenti Emmanuel sive Noel Xerri part diviża mid-dar numru sebgħa u tmenin (87) fi Triq Sant' Anton, Xagħra, Għawdex tal-kejl ta' ċirka mija u għaxra punt deċimali tlieta metri kwadri (110.3mk) u tmiss mit-tramuntana mat-triq, mill-lvant ma beni ta' Fiona u John Wayne aħwa Xerri u punent ma sqaq, libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi tagħha u kif aħjar murija delinejata bil-kulur aħmar u markata bl-ittra A l-imsemmija pjanta u site plan u

(b) Lil intimati Michael u Rose konjuġi Xerri bħala leġittimi rappresentanti ta' wliedhom minuri, Fiona, xebba, minuri u John Wayne, student, minuri, aħwa Xerri parti oħra diviża mid-dar numru sebgħa u tmenin (87) fi Triq Sant' Anton, Xagħra, Għawdex konsistenti f'parti mill-ġnien anness mal-imsemmija dar, tal-kejl ta' ċirka mija u erba punt deċimali erbgħa metri kwadri (104.4mk) u tmiss mit-tramuntana mat-triq, mil-lvant u mil-punent ma beni oħra tad-donanti, libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha u kif aħjar murija, delinejata bil-kulur ikħal u markata bl-ittra B fuq il-pjanta u site plan annessa mal-istess kuntratt u markata Dokument "B"

Illi dawn l-istess porzjonijiet diviżi ġew trasferiti bħala liberi u franki u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħhom u huma provenjenti minn kuntratt ta' bejgħ datat tnax (12) ta' Ottubru 1952 (atti Nurat Giuseppi Cauchi), hawn anness u markat bħala Dokument "C";

Illi taħt il-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti hemm għar ossija shelter li kien ġie mħaffer fiż-żmien it-tieni gwerra dinjija u li kien jintuża mill-konjuġi Joseph u Guditta Xerri meta l-istess proprjeta' bil-bini ta' fuqha kien fil-pussess

tagħhom, qabel ma l-istess proprejta' ġiet donata bil-kuntratt hawn fuq imsemmi;

Illi r-rikorrenti huwa proprjetarju wkoll tal-parti tal-għar ossija shelter li jġi taħt il-proprjeta' tiegħu u dana bis-saħħa tal-liġi u senjatament bid-dispost tal-artikolu **323 tal-Kodiċi Ċivili** li jgħid illi "*Kull min għandu l-proprjeta' ta' l-art għandu wkoll dik l-area ta' fuqha u ta' dak kollu li jinsab fuq jew taħt wiċċ l-art; ...*"

Illi minn naħa l-oħra l-intimati nomine qegħdin jippretendu illi huma l-proprjetarji anke tal-parti tal-istess għar li jiġi taħt il-proprjeta' tal-istess rikorrenti.

Talab lill-konvenuti nomine jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti Emmanuel sive Noel Xerri huwa l-proprjetarju esklusiv tal-għar ossia shelter li jiġi direttament taħt il-porzjoni art akwistata minnhu bil-kuntratt tat-tnax (12) t'Ottubru 1997 (atti Nutar Paul George Pisani), esebit bħala Dokument A;

2. Konsegwentament tordna r-rivendika tal-istess proprjeta a favur tal-istess Emmanuel sive Noel Xerri bħala l-proprjetarju esklusiv tagħha;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti nomine għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarka.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti nomine li biha eċċepew :

1. Illi t-talbiet tal-attur ma jistgħux jiġu milqugħa stante illi jonqsu uħud mill-elementi tal-actio rivendicatoria;

2. Illi l-għar mertu ta' din il-kawża huwa proprjeta' esklussiva tal-esponenti u dan stante illi dan jifforma parti ntegrali mill-proprjeta' tagħhom u qatt ma kien jifforma parti mill-proprjeta' tal-attur u dan kif jiġi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża. Infatti huwa

biss riċentament illi l-attur beda jippretendi li l-għar huwa proprjeta' tiegħu;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Jannar 2010 fejn innominat lill-A.I.C. Gudio Vella sabiex jagħmel pjanta tal-inħawi fejn jinsabu l-għerien mertu ta' din il-kawża.

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit tekniku ppresentata fid-29 ta' Marzu 2011 u minnu maħlufa fit-13 ta' Novembru 2013.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Ġunju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob ir-rivendika tal-għerien/*shelters* li jinsabu taħt il-proprjeta' tiegħu indikata fir-Rikors ġuramentat tiegħu, u li l-konvenuti nomine qed jipposjedu u jippretendu li huma tagħhom.

Dwar azzjoni bħal din il-**Pacifici Mazzoni** jfisser illi:

"*La proprieta'… e' un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe ove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo' rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria….L'azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta' e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione…. Nel giudizio di rivendicazione l'attore*

*deve provare la sua proprieta',che e' il fondamento della sua azione. Ne' puo' pretendere invece di provare che il diritto di proprieta' manchi all'avversario. Ove non riesca l'attore a provare la sua proprieta', il reo convenuto resta assoluto pei noti principii:* **actore non probante, reus absolvitur; in pari causa, melior est conditio possidentis***….La prova dev'esser piena: appunto perche' il diritto,che ne forma l'oggetto, e' il fondamento dell'azione. Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attore o di uno dei suoi autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta' non puo' risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giusificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione. Ma colla comune dei dottori si osserva da* Aubry e Rau, *che una prova cosi' rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta* **probatio diabolica**. *Sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore,se non la prova di un diritto migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto.Da questo principio, che' pure sussidiato dalla presunzione della proprieta' annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole:*

*1. Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta',consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta', purche' il suo titolo* sia anteriore al possesso del reo convenuto….

*2. Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta', e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita' della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi…..*

*3. Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de' luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;….*

*Del resto la prova della proprieta' puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente ove trattisi di rivendicare un dominio antico.*

*Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali."*[1]

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji dottrinali, nsibu l-qrati tagħna jispjegaw illi:

"…. *L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju,ossija l-proprjeta' fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika. Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu – '**melior est conditio possidentis**'. Ġie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna, fuq l-istregwa tal-prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza, bażata fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935,Kollez.Vol.XXIX.II.488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-**pussessur konvenut**'. Kompla f'dik is-sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez.XXXII.I.282; XXXIII.II.266; XXXV.I.518; XXXVII.I.105)*;"[2]

Hekk ukoll ingħad illi:

" *Rekwiżiti għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa akkwistata leġittimament u li **l-konvenut ikun qed jippossediha.***

---

[1] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884;vol.III.# 131-134, p.207et seq.
[2] Appell Civili:Giuseppe Buhagiar v.Giuzeppi Borg:17.11.1958;Kollez.vol.XLII.pt.I.p.575

*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteġġjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeċċepixxi li hu għandu titolu fuq il-ħaġa rivendikata aktar mill-attur, il-piż tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilħaqx din il-prova jissokombi fl-eċċezzjoni tiegħu; jekk għall-kuntrarju huwa jittrinċjarja ruħu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, iżda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, għandu jissuċċedi fl-eċċezzjoni tiegħu".*[3]

A bażi tal-prinċipji stabiliti hawn fuq, sew fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza, ġialadarba l-konvenuti qegħdin jeċċepixxu titolu ta' proprjeta'[4] u mhux qed jistrieħu sempliċement fuq il-pussess, l-oneru tal-prova jaqa' fl-ewwel lok fuqhom biex jippruvaw dan it-titolu. F'każ li jirnexxilhom jagħmlu dan, jispetta mbagħad lill-attur sabiex jipprova titolu aħjar minn dak tagħhom.

Il-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawża kienu s-segwenti:

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinija tħaffru *shelters* fis-sies taħt Triq Sant'Anton, ix-Xagħra, biex in-nies tal-inħawi ikollhom fejn jistkennu mill-bombi tal-għadu. Dawn ix-*shelters* insertaw li saru taħt proprjeta' privata. L-aċċess għalihom kien permezz ta' taraġ li kien jinżel mit-triq għal ġo bitħa li kien hemm quddiem l-entraturi tagħhom.[5] Victor Xerri, ziju ta' missier il-kontendenti xtara din il-proprjeta' fl-1952, imma dawn ix-*shelters* ma ssemmew imkien fil-kuntratt relattiv.[6] Din il-proprjeta' sussegwentement intirtet minn Joseph Xerri, missier il-kontendenti,[7] li mbagħad fl-1997 qasamha f'erba' porzjonijiet li ġew mogħtija b'donazzjoni

---

[3] Giuseppi Abela vs John Zammit:P.A.16.5.1963
[4] Ara t-tieni eccezzjoni taghhom fir-Risposta Guramentata
[5] Ara pjanta redatta mill-A.I.C.Guido Vella u esebita bhala Dok.N 1 a fol. 248 tal-process; ara wkoll ritratti Dokti N 2 u N 3 annessi mar-rappot tal-istess perit tekniku , a fol. 249, 250
[6] Ara kopja ta' dan il-kuntratt esebit bhala Dok.C mar-Rikors guramentat a fol. 9 - 12
[7] Ara dikjarazzjoni tan-Nutar fil-kuntratt ta' donazzjoni tat-12.10.1997, kopja ta' liema giet esebita bhala Dok.A a fol.4 - 7

lil erbgħa minn uliedu, fosthom l-attur u l-konvenuti nomine.[8] L-attur messu l-porzjon 'A' bordurat bl-aħmar fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt relattiv, filwaqt li lill-konvenuti nomine messhom il-porzjon 'B' ibbordurat bil-blue fuq l-istess pjanta.[9] Dawn ix-*shelters,* li sadanittant kienu ġew imniffda mill-imsemmi Joseph Xerri, jinstabu taħt dawn iż-żewġ porzjonijiet. F'xi żmien missier il-kontendenti kien ħaffer 'bokka' mill-ġjardina tiegħu biex ikollu aċċess faċli għal dawn ix-*shelters,* li huwa kien juża biex jaħżen il-patata fihom. Din il-fetħa nsertat fil-parti li messet lill-konvenut nomine, li mbagħad inqerdet meta dan ġie biex jiżviluppa l-porzjon tiegħu bil-bini li hemm presentement. Il-konvenuti nomine qed jiċħdu li l-attur għandhu xi parti minn dawn ix-*shelters*, sew minħabba l-posizzjoni ta' din il-'bokka', kif ukoll għaliex il-fetħiet l-oħra huma kollha aċċessibbli minn għalqa taħt is-sies li llum tappartjeni lill-istess konvenuti proprio.[10]

Jista' jitwarrab mill-ewwel kwalukwe argument li l-għar (kif qed isejħu dawn ix-*shelters* il-kontendenti) huwa tal-konvenuti nomine peress li llum l-unika aċċess għalieh huwa mill-fetħiet li l-konvenut jgħid li qegħdin fl-għalqa li huwa akkwista mingħand Antonia Bajada. Il-konvenut Michael Xerri donnu qed jinsa' li trid issir distinzjoni bejnu u bejn uliedu li lilhom ġiet iddonata l-proprjeta' tal-porzjon 'B' min-nanniet tagħhom. Dan minkejja li jidher li kien hu stess li żviluppa f'bini l-ġjardina formanti parti dan il-porzjon. Għalhekk, anke jekk għall-grazzja tal-argument jiġi aċċettat li l-aċċess għal dan l-għar, illum huwa biss mill-għalqa ta' Michael Xerri, dan ma jagħmilx lil uliedu uniċi proprjetarji tal-għar in kwistjoni.

L-argument l-ieħor miġjub mill-konvenuti huwa li, ġialadarba l-unika aċċess li kellu Joseph Xerri, l-*aventi causa* tagħhom, għal dan l-għar kien mill-'bokka' li ħaffer fil-ġjardina tiegħu, li wara ġiet ittrasferita lilhom, l-għar neċessarjament jappartjeni lilhom. Kontra din it-teżi hemm pero' s-segwenti fatturi:

---

[8] Ibid.
[9] Ara pjanta annessa ma' dan il-kuntratt, a fol. 8 tal-process
[10] Ara kopja tal-kuntratt tas-7.04.1998 li bih il-konvenuti proprio akkwistaw din l-ghalqa; Dok.MX 1 a fol. 199 -200

1. Meta Joseph Xerri ħaffer din il-bokka, dan għamlu biex ikollu aċċess mill-fond tiegħu għall-għar kollu, sew dik il-parti li kienet tinsab taħt il-ġjardina, kif ukoll għal dik li kien hemm taħt il-parti li sussegwentement ingħatat lill-attur;

2. Fil-kuntratt ta' donazzjoni ma ssemma xejn fir-rigward tal-għar; intqal pero' li: "*Kull wieħed mid-donatarji jieħu il-porzjon donata ħielsa minn kull piż u servitu' u għalhekk kull wieħed mid-donatarji huwa awtorizzat li jiżviluppa l-parti tiegħu mingħajr ebda xkiel.*" [11] Dan huwa appuntu dak li għamel l-istess konvenut Michael Xerri meta qered parti mill-ghar li jiġi taħt il-porzjon donat lilu huwa u jiżviluppah fil-binja li hemm illum;

3. A tenur tal-artikolu 323 tal-Kodiċi Ċivili, hemm presunzjoni li min għandu l-art jipposjedi wkoll dak kollu li hemm fuqha, kif ukoll dak li hemm taħtha; din il-presunzjoni taqa' biss bi prova kuntrarja sodisfaċenti; dan ifisser li sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor, il-parti tal-għar li tiġi taħt l-art tal-attur hija tiegħu, filwaqt illi dik li tiġi taħt l-art ta' ulied Michael Xerri tappartjeni lilhom;

4. Ma jidhirx li din il-presunzjoni tista' tiġi megħluba sempliċement bil-fatt li l-'bokka' li kienet tħaffret minn missier l-attur saret fil-porzjon li messet lill-konvenuti, tenut kont ukoll tal-inċertezza kbira li wera Michel Xerri fid-deposizzjoni tiegħu; f'illi jgħid li l-għar huwa tiegħu, mbagħad jgħid li ma jafx ta' min hu, jew li huwa għandu biss servitu' ta' aċċess għalih;[12]

5. Lanqas l-allegazzjoni tal-istess Michael Xerri li huwa biss għamel użu minn dan l-għar kemm ilha li saret id-donazzjoni ma tista' taġevolah; dan għaliex ma laħaqx għadda żmien biżżejjed għall-preskrizzjoni trentennali akkwiżitiva, u din fi kwalunkwe każ riedet

[11] Ara l-ewwel paragrafu tat-tielet pagna tal-kopja tal-kuntratt ta' donazzjoni, a fol.6 tal-process

[12] Ara affidavit tieghu a fol. 197 -198; id-deposizzjoni tieghu in subizzjoni a fol. 126 - 128 u dik in kontro-ezami a fol.214 - 222

tgħaddi a favur ta' uliedu bħala l-proprjetarji tal-porzjon art li messet lilhom b'dik id-donazzjoni u mhux lilu.

Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet ma jistax jingħad li l-konvenuti rnexxielhom ta' l-inqas jissuperaw l-ewwel ostakolu impost minn azzjoni bħal dik presenti, u ċioe' li jippruvaw it-titolu tagħhom fuq il-proprjeta' rivendikata, u għalhekk ma jibqa' l-ebda skop għalfejn jiġi eżaminat ukoll min mill-kontendenti għandu l-aħjar titolu. Għaldaqstant ma jibqa' ebda raġuni għalfejn it-talbiet attriċi m'għandhomx jiġu milqugħa.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. tiddikjara illi r-rikorrenti Emmanel sive Noel Xerri huwa l-proprjetarju esklussiv ta' dik il-parti mill-għar ossia *shelter* li tiġi direttament taħt il-porzjon art akkwistata minnu bil-kuntratt ta' donazzjoni tat-12 ta' Ottubru 1997, kopja ta' liema tinsab esebita bħala Dok. A mar-Rikors ġuramentat tieghu; u
2. Konsegwentement tordna r-rivendika tal-istess proprjeta' a favur tal-istess Emmanuel sive Noel Xerri bħala proprjetarju esklussiv tagħha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------